TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/308/12/S

Mario Azzopardi
Vs
Malcolm Galdes

Illum 16 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mario Azzopardi pprezentata fit-3 ta'Dicembru,2012 u r-risposta ta' Malcolm Galdes pprezentata fit-18 ta'Frar,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-28 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'mobile' li skont ir-rikorrent, beda' jtih il-problemi wara biss hmistax-il jum minn meta inxtara;

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat, din qed tigi michuda gjaladarba r-rikorrent gharraf mal-ewwel lill-intimat bil-problemi li kellu l-'mobile';

Illi fil-mertu, jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi jidher li r-rikorrent kellu problemi fil-'mobile' li xtara minghand l-intimat wara biss hmistax-il jum;

Illi min-naha l-ohra, n-negligenza allegata mill-intimat ma gietx pruvata u ssemmiet biss wara diversi ilmenti ohrajn daparti tar-rikorrent;

Illi hi r-responsabilita ta' min ibiegh li jara li dak offrut u li gie mhallas ghalih, jinghata;

Illi mill-provi mressqa jidher li l-problemi fuq dan il-'mobile' partikolari, bdew mal-ewwel u dan ma giex kontestat mill-intimat;

Illi r-rapport ipprezentat mill-intimat ta' certu Clint Abela (mobile technician) apparti li mhux konfermat bil-gurament, huwa generali hafna u'm jindividwax il-problema;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' partikolarment meta l-'mobile' prattikament malli inxtara beda' bil-problemi;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in it-talba ta' Mario Azzopardi u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Malcolm Galdes, Jordna lil Malcolm Galdes ihallas lil Mario Azzopardi is-somma ta' €230, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru